MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 67/2004

**Francis Caruana (Gozo) Limited**

**vs**

**Joseph Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi fiz-zmien bejn Jannar u Marzu 2004, il-konvenut xtara diversi konsenji ta' injam minghand l-attrici kif jirrizulta mill-kopja tal-istatement anness (Dok. A).

Illi ghal dawn il-konsenji hija dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm359.39).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas sew dan l-amont flimkien ma’ l-imghax mid-data ta’ kull konsenja sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 6 ta’ Lulju 2004 u l-ittra ufficjali spedita f’Lulju 2004.

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 t’Ottubru 2004; f’liema data gewipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum li fiha l-kapitoli gew moqrija u dan minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m’ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM535.39c hlas ta’ xoghol ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata f’diversi konsenji; bl-imghax legali mid-dati ta’ kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Lulju 2004 u tal-ittra ufficcjali ipprezentata f’Lulju 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------